

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1302

tas-26 ta' Ġunju 2023

li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinijni (EUPOL COPPS)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-3 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/354/PESK⁽¹⁾, li kompliet l-EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2013.
- (2) Fis-27 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1018⁽²⁾ li emendat id-Deċiżjoni 2013/354/PESK u li estendietha mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (3) Fit-28 ta' Frar 2023, fil-kuntest tar-Reviżjoni Strateġika kkoordinata tal-EU BAM Rafah u tal-EUPOL COPPS, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li ż-żewġ Missjonijiet għandhom jiġu estiżi sat-30 ta' Ġunju 2025, fil-forma ta' żewġ estensjonijiet, kull waħda għal sena.
- (4) B'kont meħud tal-informazzjoni pprovduta minn Iżrael u l-Awtorità Palestinijsana, f'dan l-istadju, jenħtieġ li l-EUPOL COPPS tiġi estiża b'sena, sat-30 ta' Ġunju 2024.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/354/PESK tiġi emendata skont dan.
- (6) L-EUPOL COPPS ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tfixkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/354/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 12(1), jinċidied is-subparagrafu li ġej:

“L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 għandu jkun EUR 11 360 000.”;

- (2) fl-Artikolu 15, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2024.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2023.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tas-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinijni (EUPOL COPPS) (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1018 tas-27 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinijni (EUPOL COPPS) (ĠU L 170, 28.6.2022, p. 76).

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES
